MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Numru 848/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE VELLA**

**VS**

**PAULINE PISANI**

**Illum 19 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Pauline Pisani ta' 17-il-sena, bint Maria Pisani, imwielda l-Pieta' nhar id-9

ta’ Novembru 1985 u residenti f’numru 44, Triq Camenzuli, Sliema, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 558785 (M);

Talli fil-Marsa, nhar l-10 ta’ April 2002, ghall-habta tal-hdax ta’ filghaxija:

a) F’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali;

b) Naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijiethom;

c) Irrifjutat li taghti jew tat falz lill-ufficjali pubblici, isimha, kunjomha, fejn toqghod u partikolaritajiet ohra, lill-istess ufficjali tal-Pulizija, waqt li dawn kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

d) Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra WPS 24 Josephine Gauci, WPC 64 Connie Cauchi u WPC 146 Joanne Scicluna, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

e) Finalment talli saret recediva, b’sentenza moghtija minn Qorti tal-Magistrati datata 15 ta’ Dicembru 2000.

Wara illi rat l-Artikoli 205, 252, 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta'l-imputata, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibha hatja ta' l-imputazzjonijiet addebitati lilha mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti filwaqt li ssibha hatja, qeghda tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fiz-zmien fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif ukoll qeghda tapplika l-artikolu 5 taht is-sorveljanza tal-Probation Officer Marietta Lanzon, illi ghandha tirraporta kull gimgha, x'inhi taghmel l-imputata, verbalment.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------